**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 420/2011 MLF**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet:**

**Direttur Responabbli ghall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali**

**vs**

**Rosario Abela**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Rosario Abela li permezz tieghu qieghed jopponi ghal pretensjoni avvanzata kontra tieghu ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li:
   a) In-natura tal-pretensjoni mressqa da parti tad-Direttur intimat ma tinsabx inkwadrata fost dawk imsemmija fl-artikolu 466(1) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
   b) Illi fi kwalunke kaz u minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent ma kien fadallu jhallas ebda bilanc lill-Bank kreditur u ghalhekk ma kien hemm ebda htiega li d-Direttur intimat ihallas xi ammont minfloku lill-istess Bank;

c) Illi difatti l-Bank kreditur qatt ma nterpella lir-rikorrent sabiex jersaq ghal hlas ta' xi bilanci allegatament dovuta;
d) B'riserva li jitressqu oggezzjonijiet ulterjuri nkluz dik tal-preskrizzjoni tal-azzjoni mehuda mid-Direttur intimat fi stadju ulterjuri.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tirrespingi l-pretenzjoni dedotta mid-Direttur intimat tramite l-precitata ittra ufficjali.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

i. Illi fir-rikorsipprezentat minn Rosario Abela fit-22 ta' Dicembru 2011 fl-atti tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 li giet spedita ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti oppona ghall-pretenzjonijiet avvanzati kontra tieghu billi issolleva diversi aggravji.

ii. Illi f'dan il-kuntest l-aggravju li l-pretenzjoni imressqa mid-Direttur ma tinsabx inkwadrata fl-artikolu 466 tal-Kap 12 zgur li ma tregiex stante li din il-procedura tigi dejjem adottata meta jkun hemm ammont dovut lil Dipartiment tal-Gvern sabiex jiehu l-hlas ta' kreditu li jirrisulta dovut lilu.

iii. Illi l-aggravju li r-rikorrenti ma kien fadallu l-ebda ammont dovut lil Bank kreditur u cioe' lill-Bank of Valletta hu totalment skorrett u dana anke kif jirrizulta mill-anness dokument fejn id-Dipartiment hallas lil bank l-ammont kif dedott fl-imsemmija ittra ufficjali. Oltre dan ta' min jinnota li l-istess rikorrent naqas milli jipprezenta debita rcevuta ta' l-isemmi hlas skond hu maghmul.

iv. Illi difatti l-Bank interpellah sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficiali li inbaghtet f'xi zmien ghal-habta ta' Dicembru 1993 u li dana jista' jigi facilment ikkonfermat mir-Registratur tal-Qrati Civili.

v. Illi fir-rigward ta' l-oggezzjoniji tal-preskrizzjoni tal-azzjoni d-Direttur jirriserva li jirrispondi ghalija meta u jekk tigi issollevata fi stadju ulterjuri.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

**Il-Fatti**

4. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Ir-rikorrent kien ha minghand il-Bank of Valletta diversi facilatijiet bankarji, kemm taht titolu ta' self u anke bhala *overdraft*, u dan taht it-termini tas-*sanction letters* datati 5 ta' Novembru 1992 u 16 ta' Awwissu 1993 li kienu fl-ammont ta' LM1,808.89,2 u LM2,407 rispettivament.[1] Dawn il-facilitajiet bankarji kienu inghataw lir-rikorrenti taht is-*Self Employment Loan Scheme* mahruga mill-Gvern ta' Malta u fejn id-Direttur tax-Xoghol, illum id-Direttur intimat, kien garanti ghal dan is-self. Xi zmien bejn Novembru u Dicembru tas-sena 1993, permezz ta' ittra ufficjali apprezentata fil-Qorti tal-Kummerc, il-Bank of Valletta kien interpella lir-rikorrent sabiex ihallsu s-somma ta' LM2,816.53 relatati ma' dan is-self.[2]

   ii. Fit-3 ta' Frar 1994, il-Bank of Valletta baghat ittra lid-Direttur intimat sabiex jinfurmah li r-rikorrenti ma kienx qieghed jonora l-pagamenti dovuti minnu. [3]

   iii. Fit-18 ta' Ottubru 1994, il-Bank of Valletta hareg *sanction letter* ohra ghall-ammont ta' Lm5,500, u fejn l-iskop ta' dan is-self kien li in kwantu ghas-somma ta' Lm1,500 jigi utilizzat sabiex jithallas l-*overdraft* registrat f'isem ir-rikorrent u in kwantu ghal Lm4,000 jintuza ghall-akkwist ta' residenza.[4]

   iv. F'Jannar tas-sena 1995 id-Direttur intimat hallas lil Bank of Valletta s-somma ta' LM1,775.19 fir-rigward tas-self li kien dovut mir-rikorrenti.[5]

   v. Il-facilitajiet bankarji li kienu orignarjament f'isem ir-rikorrenti wahdu gew ikkancellati fid-9 ta' Frar 1995, filwaqt li s-self li ghalih taghmel referenza s-*sanction letter* datata 18 ta' Ottubru 1994 inghalaq fis-17 ta' Mejju 2003.[6]

[1] Ara s-sanction letters a *fol*. 27 sa 30 tal-process
[2] Ara l-ittra ufficjali a *fol*. 31 tal-process
[3] Ara Dok AB1 a *fol*. 63 tal-process
[4] Ara s-sanction letter a *fol*. 35 tal-process
[5] Ara l-payment voucher immarkat Dok AB2 a *fol*. 65 tal-process

vi. Fis-7 ta' Dicembru 2011 id-Direttur intimat intavola ittra ufficjali fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fid-dikjarazzjoni guramentata annessa ma' din l-ittra ufficjali, id-Direttur intimat iddikjara li s-somma indikata kienet *"dovuta bhala bilanc ta' hlas ta' ammonti li l-Gvern ta' Malta hallas lill-istess Bank of Valletta Ltd., bhala garanti ta' Rosario Abela wara li naqas li jhallas lill-istess Bank l-ammont misluf lilu … …".*[7]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Ir-rikorrenti qed jitlob li l-pretenzjoni dedotta mid-Direttur intimat fil-konfront tieghu permezz tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 tigi respinta ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok ir-rikorrenti jilmenta li l-pretensjoni mressqa mid-Direttur intimat ma hijiex fost dawk imsemmija fl-artikolu 466(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), liema artikolu jipprovdi hekk:

*"**466.** (1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta' korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b'rapprezentanza legali ta' xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut"*

6. Id-Direttur intimat wiegeb ghal dan l-ilment tar-rikorrenti billi eccepixxa li l-procedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili hija dik li tigi

---

[6] Ara x-xhieda ta' Romwald Attard a *fol.* 24 tal-process
[7] Ara d-dikjarazzjoni guramentata a *fol.* 76 tal-process

dejjem adottata meta jkun hemm ammont dovut lil Dipartiment tal-Gvern sabiex jithallas kreditu li jirrizulta dovut.

7. Il-Qorti tqis li l-procedura kontemplata fl-artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura hija wahda eccezzjonali u sommarja, mahsuba sabiex tiffacilita' l-gbir ta' dejn li jista' jkun dovut lid-dipartimenti tal-gvern jew entitajiet ohra li ghalihom jaghmel referenza dan l-artikolu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-hsieb tal-legislatur kien li tali procedura tkun wahda limitata kemm fir-rigward tal-entitajiet li jistghu jaghmlu uzu minn din il-procedura specjali u anke fir-rigward tax-xorta ta' krediti li fir-rigward taghhom tali procedura tista' tigi addottata.

8. Is-subinciz (1) tal-Artikolu 466 jelenka b'mod kategoriku dawk id-debiti li fil-konfront taghhom din il-procedura tista' tigi applikata, u cioe "*kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti"*. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ammont pretiz mid-Direttur intimat huwa relatat ma' hlas li l-istess Direttur ghamel a favur tal-Bank of Valletta fl-isfond ta' skema maghrufa bhala *Self Employment Loan Scheme,* u fejn id-Direttur kien garanti ta' self li r-rikorrenti kien ha minghand l-istess Bank. Ghalkemm id-Direttur intimat, bhala Kap ta' Dipartiment tal-Gvern, ghandu kull jedd li jigbor lura dejn lid-dipartiment li huwa jmexxi, huwa evidenti li l-ammont pretiz mid-Direttur intimat fl-ittra ufficjali in kwistjoni ma huwiex wiehed minn dawk indikati tassattivament fl-artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan mhuwiex kaz fejn id-Direttur intimat qieghed ifittex li jithallas ta' servizz jew provvista li huwa pprovda lir-rikorrent. Lanqas jista' jinghad li tali ammont huwa xi hlas ta' penali, kera, cens, dritt jew taxxa.

9. Fic-cirkostanzi, l-Qorti tqis li d-Direttur intimat ma setghax jipprevalixxi ruhu minn din il-procedura eccezzjonali sabiex jigbor l-ammont minnu pretiz, u dan peress li l-pretensjoni tieghu sabiex jigbor lura ammont minnu mhallas lil Bank of Valletta fil-kwalita' tieghu ta' garanti tar-rikorrent, ma tinkwadrax fit-termini tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Tali procedura eccezzjonali ssib l-applikazzjoni taghha fir-rigward biss ta' dawk id-djun indikati b'mod tassattiv fis-subinciz (1) tal-imsemmi Artikolu. Ghaldaqstant il-procedura addottata mid-Direttur intimat meta intavola l-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 ma kenitx wahda korretta.

10. Konsegwentement t-talba tar-rikorrent li l-pretensjoni tad-Direttur intimat tigi respinta stante li ma tinkwadrax ruhha taht dan l-artikolu qeghda tigi milqugha. Fic-cirkostanzi mhemmx lok li l-Qorti tikkunsidra wkoll l-ilmenti l-ohra tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat;

    2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat;

    3. Tilqa' t-talba tar-rikorrent billi tirrespingi l-pretenzjoni dedotta mid-Direttur intimat fil-konfront tar-rikorrent tramite l-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2011 ipprezentata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mid-Direttur intimat.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**